MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Numru. 175/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

**BAKOUSH CURTIS ta' 18-il sena bin Ali Abdullah Omer u Jane nee' Zammit, imwieled Pieta' fit-28 ta' Lulju 1989, residenti 60, Flat 1, Triq l-Isptar, Valletta u dteentur tal-karta ta'l-identita' numru 340689(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Curtis Bakoush akkuzat talli:

1. Fis-26 ta' Frar 2008, ghal habta tas-2:30p.m. fil-Belt Valletta, ikkometta serq ta' basket (handbag) li kien fih diversi oggetti, fosthom dokumenti personali, mobile

telephone tal-marka Motorola, HSBC bank credit card u flus kontanti fl-ammont ta' €6 ghad-dannu ta' Romina Borg I.D.58329(M).

2. Sar recidiv u kif ukoll ikkometta delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 21 ta' Jannar 2008 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza ma tistax tigi mibdula u f'kaz ta' htija l-periodu ta' sitt xhur prigunerija moghtija f'din is-sentenza jigu rezi operattivi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali tal-14 ta' Marzu 2008 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet l–ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata u dana wara li l-imputat inghata zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-provi kollha prodotti mill-prosekuzjoni, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghalkemm fl-istadju finali ta' dina il-kawza. Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat jidher illi qieghed jaqbad it-triq tad-delinkwenza tant illi l-imputat diga qieghed taht ordni ta' supervizjoni, leima ordni l-imputat ma jidhirx illi tant qieghed jobdi. Il-Qorti thoss ghalhekk illi ghalkemm l-imputat ghandu jinghata il-piena dovuta ghar-reat in

dizamina, madanakollu ma thossx illi hija ghandha tirrendi is-sentenza sospiza ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Jannar 2008 operattiva, izda sejra testendi il-pevijodu operattiv ta’l-istes sentenza u dana sbiex l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma ruhu u forsi jipprova jaghleb il-vizzju tad-droga li dahal fih.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 284, 285 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ erba’ xhur prigunerija, minn liema perijodu ta’ prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Illi ghar-rigward tas-sentenza sospiza moghtija fil-21 ta’ Jannar 2008 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Magistrat Dr. A. Vella, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u, wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qieghda tordna illi l-perijodu operattiva ta’ dina s-sentenza jibqa’ l-istess u cioe’ ta’ sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn taht is-supervizjoni ta’ufficjal sorveljanti, liema perijodu ta’ sentejn ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Finalment il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegnwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------